**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA'  LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU WIEĦED U GĦOXRIN                24 ta' FRAR, 2021**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u l-Kunsillieri Dr Tiffany Ann Attard, s-Sur Kaydem Schembri, is-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur Kyle Mifsud u s-Sur Dino Bonnici.

**SKUŻAT**

Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia u l-kunsillier Marisa D'Amato

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **21.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 21.1.1 | | Il-Kunsillier Marisa DÁmato nfurmat li ma setgħetx tattendi għas-seduta minħabba li għandha eżami fl-istess ħin. **Dok 1 mehmuż**. L-apoloġija ġiet aċċettata.<br>Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia informa permess ta' telefonata, li ma jistax jiġi minħabba li llum ħa l-injection ta' kontra l-pandemija u kiddithu. Ser jibghat email ta' apoloġija aktar tard. L-apoloġija ġiet aċċettata. |
| | | |
| **21.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 21.2.1 | | Fir-rigward ta' punt 20.4.5 il-Kunsillier Joseph D'Amato qal:<br>• li ser jinxtraw 6 siġar kbar u 5 siġar żgħar.<br>• Fir-rigward tal-proġett tal-għargħar il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li jeħtieġ li ssir laqgħa oħra qabel ma jinbeda x-xogħol.<br>• Fir-rigward ta' Triq is-Sinja, hu qal li jeħtieġ li l-Kunsill jibgħat email oħra lis-Sur Frederik Azzopardi minn IM, biex tinbeda t-triq kemm jista jkun malajr, wara li l-Kunsill kellu informazzjoni t-tender ħarġet. |

| | | |
|---|---|---|
| 21.2.2 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia staqsa jekk insabitx persuna biex tara l-bejt tad-dar Mattia Preti biex jara minn fejn dieħel l-ilma għand il-ġirien. Is-Segretarju Eżekuttiv tablet lill-Kunsilliera biex jgħinu huma li tinstab din il-persuna.<br><br>Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li l-bankijiet ta' Ġnien l-Ewropa, għadhom ma tnaqqsux mill-għoli tagħhom. Hu qal ukoll li saru xi xogħlijiet ta' manutenzjoni fl-istess ġnien mill-ħaddiema ta' Clean Malta, li fil-fehma tiegħu ma ġewx tajjeb, fosthom iż-żebgħa u twaħħil ta' tabella tal-Wifi. Hu talab li l-Kunsill jitlob lill-Clean Malta biex il-ħaddiema jiżbgħu l-ġnien kollu mhux partijiet tiegħu biss u li terġa tinġibed l-attenzjoni biex isir ix-xogħol fuq il-bankijiet.<br><br>F'dan il-ħin is-Sindku qalet li l-ħaddiema ta' Clean Malta qed jgħatu ħafna għajnuna lill-Kunsill, billi qed jagħmlu manutenzjoni fil-funtana tal-istess ġnien u tindif fejn ikun hemm meħtieġ. |
| | | |
| 21.2.3 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li jeħtieġ li jerġgħu jiġu infurmati l-pulizija fuq il-ħajt perikoluż fi Triq Napuljun. |
| | | |
| 21.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tal-għoxrin - il seduta. |
| | | |
| ***21.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 21.3.1 | | Is-Sindku Rita Grima qalet li qed tistenna r-write ups għall-Kunsill news li jmiss sal-aħħar ta' Marzu. |
| | | |
| 21.3.2 | | Is-Sindku Rita Grima qalet li Ġnien l-Ġibjun sar pitch żgħir u tissuġġerixxi li tali grawnd jissemma għal Justin Pace żagħżugħ li miet fl-istess ġnien b'inċident, Il-Kunsillier Kenneth Farrugia ma qabilx mal-proposta u l-Kunsillier Joseph D'Amato qal li ma tagħmilx sens li grawnd żgħir jissemma għal xi ħadd. Il-Kunsillier Tiffany Ann Attard ma qablitx ukoll.<br>Tali proposta għaddiet għal vot. Dawk favur kienu – s-Sindku Rita Grima u l-Kunsilliera Kyle Mifsud u Dino Bonnici, filwaqt li dawk kontra kienu l-Kunsilliera Tiffany Ann Attard, Joseph D'Amato u Kenneth Farrugia. Peress li s-Sindku kellha il-casting vote, il-proposta għaddiet. Is-Sindku qalet li qabel isir l-isem ser tikkonsulta mal-familja konċernata għall-approvazzjoni tagħhom. |
| | | |
| 21.3.3 | | Is-Sindku Rita Grima qalet li ġol-kappella ta' San Gwann f'Ħal Millieri hemm inkwatru ta' San Gwann Evanġelista, li jinsab fi stat ħażin ħafna. Hi ssuġeriet li l-Kunsill jirrestawraħ. Is-Sindku ġabret stima tax-xogħol li jista jsir. Kien hemm qbil li jekk ikun hemm qbil mal-knisja u l-Kunsill iġib permess mid-Dipartiment tal-Kunsill Lokali, l-Kunsill jibda l-proċess fuq dan. L-istima li inġabret, 5,469.30 Euro li tinkludi l-VAT.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato ma qabilx li l-Kunsill jgħamel dan it-tip ta' restawr u enfasizza li l-Kunsill m'għandux jagħmel xogħol li mhux fir-responsabilta' tiegħu . |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 21.3.3 | | Is-Sindku Rita Grima qalet li tkellmet ma'sid post li jinsab viċin l-uffiċċju tal-Kunsill biex tieħu stima ta' kemm jiswa l-post biex jitniffed mal-uffiċċju. Il-post jiswa 120,000Euro. Is-Sid qalet li l-ispiża tista tinqasam fi snin differenti.<br>Kien hemm qbil li l-Kunsill jgħati s-somma ta' 60,000Euro u ninfurmaw lill-perit tal-Kunsill biex jara jistax jitniffed mal-binja tal-Kunsill preżenti. |
| | | |
| 21.3.4 | | Is-Sindku qalet li kien hawn laqgħa fejn kienu preżenti l-Kunsilliera Joseph D'Amato u Kenneth Farrugia, flimkien mal-konsulent tal-Kunsill fir-rigward tal-PA ma' AG design 368 fuq fondi li ħarġu għal tisbieħ tal-faċċati. Din il-kumpanija ħarġet bi proposta li jitħawlu siġar fi Triq Santa Katarina man-naħa tal-iskola primarja.<br>Ġew issuġġeriti s-saqaf u l-faċċata tal-berġa tas-saħħa u l-bankina ta' Triq Santa Katarina biex tiġi bis-siġar man-naħa tal-iskola primarja.<br>Wara diskussjoni ma kienx hemm qbil li isir proġett fi Triq Santa Katarina minħabba li tidjieq it-triq.<br>Kien hemm qbil li jitqabbad perit biex isir il-proġett tal-berġa tas-saħħa. |
| | | |
| | | |
| ***21.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 21.4.1 | | Il-Kunsillier Tiffany Ann Attard talbet biex il-Kunsill jitlob lill-Infrastructure Malta biex issir Vjal l-Indipendenza b'tarmak ġdid, speċjalment minn Triq San Martin sa lejn in-Nigret. Hi talbet ukoll biex Sqaq il-Waħx issir waqt li qed issir Triq il-Wardija.<br><br>Il-Kunsillier Kyle Mifsud talab biex l-Kunsill iżid ukoll Triq Sant Andrija mal-lista.<br>Kien hemm qbil fuq dawn.<br><br>Il-Kunsillier Kaydem Schembri daħal għas-sedua fis-19:00. |
| | | |
| 21.4.1 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal:<br>• li hemm bżonn tabella oħra fi Triq il-Kunċizzjoni biex tidher sew parti minnha hi one way.<br>• Qed ikollu ilmenti biex il-parti ta' Triq iċ-Ċombini għal Triq il-Ħaddiema u tibqa sejra għal Triq San Pietru tinbidel id-direzzjoni tat-traffic tagħha. Hu ssuġġerixxa li minn Triq iċ-Ċombini sa Misraħ Mattia Preti issir two way traffic.<br>• Is-Sindku qalet li kull darba li Transport Malta tagħti permess għal traffic management dejjem tagħti prova ta' 3 xhur.<br>• Kien hemm qbil li jekk il-Kunsill kien ħa xi żball fuq il-pjanti li taw TM, jiġi rranġat il-każ u jekk le jerġa jitressaq il-punt fis-seduta li jmiss. |
| | | |
| 21.4.2 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li l-Kunsill wasal fil-final, biex jitħawlu 400 siġra ġo area kbira f'Wied Fulija fiż-Żurrieq. Dan hu sponsor minn koppja |

| | | |
|---|---|---|
| | | Ġermaniża li joqgħodu fiż-Żurrieq. Il-ġimgħa d-dieħla ser jibda t-tħawwil. Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal li l-problema hi biex tieħu ħsieb is-siġar li ser jitħawlu. Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li hemm bżonn li għall-ewwel 3 xhur dawn jissaqqu mill-Kunsill sakemm jikbru ftit u wara ser ikun hemm irrigation system biex jitkomplew jissaqqu.<br>Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li għal ħabta ta' Novembru jerġgħu jitħawlu iżjed siġar. |
| | | |
| 21.4.3 | | Il-Kunsillier Joseph Damato qal:<br>Il-Kumitat tal-Kultura qed jippjana li fil-21 ta' Marzu, fid-9.30am, jkun hemm tifkira tal-Prof P P Saydon. Din ser tkun tikkonsisti fi tpoġġija ta' kuruna tar-rand fuq il-monument, fejn ikunu mistiedna l-familjari u l-għaqdiet tal-lokal, membri parlamentari u l-Arċipriet. Kien hemm qbil li inġibu l-approvazzjoni tad-dipartiment tas-saħħa pubblika. Kien hemm qbil li jinġib pulizija biex jikkontrolla t-traffiku. Is-Sindku tagħmel speach tal-okkażjoni.<br>Bejn Settembru u Otturbu issir l-akkademja mużiko letterarja ġol-knisja arċipretali u fiha jkun hemm tagħrif fuq l-Prof. P P Saydon. Kien hemm suġġeriment li jkunu mistiedna l-istazzjonijiet tar-radju tal-għaqdiet tar-raħal u lill-istazzjon Xejk. |
| | | |
| 21.4.4 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal:<br>• li ħareġ diżappuntat li l-Gvern xtara 150 sodda dar tal-Anzjani ġo Ħal Tarxien u l-proġett li kien ipproponut mill-Kunsill taż-Żurrieq ġie imwarrab. Hu qal li meta rappreżentanza tal-Kunsill kienu marru jitkellmu mal-Ministru kkonċernat, l-istess Ministru kien qata qalb il-Kunsill mal-proposta li kien għamillu fuq dar għall-anzjani fiż-Żurrieq. Kien hemm qbil li terġa tintalab laqgħa oħra miegħu.<br>• Biex jerġa jsir print ta' fuljett fuq is-7 pitturi tal-Mattia Preti fil-Knisja. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Int u iddur fi Triq Sant Andrija hemm kantun biex jitneħħa. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Fuq il-ġnien tal-ġibjun fuq in-naħa ta' wara hemm dlam kbir. Qed jipproponi li fuq arblu li jgħati għal Sqaq il-Parit titwaħħal bozza ġdida. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Issir sleeping policeman fl-akwati ukoll biex jonqos il-ġiri tal-vetturi. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• L-ilma tal-funtana tal-entratura taż-Żurrieq ma jidhirx bix-xtieli li hemm fir-roundabout. Bil-pjanti lanqas id-dawl tagħha ma jidher. Kien hemm qbil li tali pjanti jitneħħew jew jitbaxxu l-pjanti.<br>• Issuġġerixa li jsir żbier ta' siġar madwar il-Mitħna tax-Xarolla. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Fejn infetaħ il-ħanut il-ġdid wara l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu, maż-zebra crossing isiru bollards fuq iż-żewġ naħat ħalli ma jkun hemm parkeġġ fuq il-crossing. Kien hemm qbil li jintalab il-permess ta' TM fuq dan.<br>• Issuġġerixxa li fir-rigward ta' charging points tal-vetturi jiġu ssuġġeriti parkeġġi vertikali fi Triq Wied Babu. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill ta' 4 |

| | | |
|---|---|---|
| | | proposti oħra fuq charging points – Fejn Ġnien il-Ġibjun, Fejn il-grawnd ta' Triq P P Pullicino, Fejn il-Mitħna tax-Xarolla u f'Misraħ Santa Marija f'Bubaqra. |
| | | |
| 21.4.5 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud ssuġġerixxa:<br>• biex jitnaddfu l-ħġieġ ta' fuq il-katakombi ta' fejn il-Mitħna tax-Xarolla.<br>• Fi Triq Donato Del Piano hemm pregnant windows baxxi wisq. Kien hemm qbil li tinkiteb ittra lill-PA.<br>• Biex tingiref it-triq int u nieżel lejn Wied iż-Żurrieq fil-liwja fejn sar ħajt tas-sejjieħ. Kien hemm qbil li dan il-każ jiġi ssuġġeriet lill-Infrastructure Malta biex tagħmel ix-xogħol waqt li tkun qed tagħmel it-triq.<br>• Biex fi Triq is-Sinja jiġi bin tal-organic bħal ma hemm fi Triq San Martin. Ma kienx hemm qbil. |
| | | |
| 21.4.6 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal li:<br>• l-mobile app kważi lesta biex tintuża mill-pubbliku.<br>• Iż-Żurrieq FC ser jilgħabu l-final tat-tazza tan-knock out u jinsabu fil-logħob tal-playoffs għall-challenge league. Il-Kunsill jawguralhom.<br>• Biex issir sleeping policeman fi Triq il-Qrendi. Kien hemm qbil li jekk jinġibu il-firem ta' min iridha, issir it-talba lit-TM biex issir. |
| | | |
| 21.4.7 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li minn fejn il-kamra tal-ilma f'Wesgħa Franġisk Bugeja ħiereġ ilma. Is-Sindku qalet li diġa għamlet ilment mal-WSC. Infurmat li ser terġa .<br><br>Il-Kunsillier Kenneth Farrugia ssuġġerixxa li fl-għoti tal-premijiet li jgħati l-Kunsill, din is-sena jgħati liż-Zurrieq FC bħala rikonoxximent tal-progress li għamlu. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| ***21.5*** | | **Rapporti** |
| ***21.5a*** | | ***Unaudited Financial Statements*** |
| | | |
| 21.5a.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-rapport li ħejjiet l-accountant tal-Kunsill – 'Unaudited financial statements'. Kien hemm qbil fuqhom biex jiġu ffirmati u jintbagħtu illum stess. **Dok 2 mehmuż** |
| | | |
| **21.6** | | **Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| | | |
| ***21.6a*** | | ***Approvazzjoni: xogħlijiet u servizzi*** |
| | | |
| 21.6.a.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilmenti u suġġerimenti:<br>• Il-Kunsill irċieva email mingħand is-Sur Antoine Schembri biex jinforma li l-wirja relatata mal-Ġimgħa l-Kbira Calvariae mhux ser issir din is-sena. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Il-Kunsill irċieva proposta ta' kors li jirrigwardja l-għoti tal-Ewwel għajnuna minn St John Malta. Dan il-kors hu twil 7 siegħat u jinqasam fuq żewġ sessjonijiet għal prezz ta' 25Euro. Kien hemm qbil li jsir u nibdew inġibu l-avviżi.<br>• Il-Kunsill irċieva talba formali mingħand s-Soċjeta Mużikali Santa Katarina fuq ħofor għal festa fi Triq il-Kbira. Kien hemm qbil li jsiru tali ħofor bil-patt li jkunu jistgħu jintużaw minn min ikun hemm bżonn.<br>• Quddiem ħanut li jbiegħ l-affarijiet tal-ħjata fi Tr iq il-Kbira, hemm bżonn 'u' bar għax il-vetturi kull darba qed jitilgħu fuq il-bankina u jkissru l-bokka tad-drenaġġ barra li jkunu ta' periklu għall- pubbliku. Kien hemm qbil li jinġibu l-permessi meħtieġa.<br>• Il-Kunsill irċieva stima ta' servizz professjonali u tekniku biex jiġi żviluppat il-proġett ta' Slow Street. **Dok anness numru 3.** Dan jiġi jiswa 3,300Euro Vat eskluża. Kien hemm qbil fuq dan. Kien hemm qbil ukoll li issir laqgħa oħra mal-Perit fuq dan ir-rigward.<br>• Il-kunsill irċieva ittra mis-Sindku l-ġdid ta' Borgo Maggiore fejn uriet ix-xewqa li jitkomplew ir-relazzjonijet tajba bejn iż-żewġ komunitajiet. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li ġie mitkellem mas-Sindku l-ġdid.<br>• Saret talba biex fl-entratura ta' ġnien il-Ġibjun ikun hemm gate għas-sigurta tat-tfal. Ma kienx hemm qbil fuq dan. F'dan il-punt il-Kunsillier Kenneth Farrugia ssuġġerixxa li l-Kunsill juża s-saqaf tal-ġibjun propja biex ikunu jistgħu jilgħabu t-tfal fuqhom. Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li l-Kunsill għandu javża lill-Pulizija biex jispezzjonaw il-ġnien speċjalment is-Sibt u l-Ħadd għax qed ikun hemm periklu bit-tfal bl-iscate boards u roti.<br>• Bejjiegħ tal-ħaxix irid li jkollu parkeġġ riservat għalih fi Triq Inglott. Ma kienx hemm qbil. Diversi drabi tresqet din it-talba minn hawkers oħra u ma kienx hemm qbil li jsiru.<br>• Talba biex fi Triq it-Torri k/m Misraħ Santa Marija jsiru żewġ bollards għax vetturi kbar qed jolqtu l-faċċati tad-djar. Ma kienx hemm qbil.<br>• Biex triq li minn Triq Santa Agatha tieħdok għal Triq Ħal Far tiġi one way traffic direzzjoni lejn Triq Ħal Far. Ma kienx hemm qbil imma kien hemm qbil li issir bollard eħxen.<br>• TM issuġġeriet biex issir sleeping policeman fi Triq Hal Far viċin il-kappella ta' Sant Agatha. Ma kienx hemm qbil.<br>• L-Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria, bagħtu email lill-Kunsill biex tittieħed azzjoni fuq cables tal-elettriku li jaqsmu Triq P P Saydon li qed ikerħu l-ambjent. Kien hemm qbil li hekk kif isir il-proġett isir xogħol biex l-cables jitneħħew. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-għaqdiet tar-raħal għandhom jgħinu liż-Żurrieq b'suġġerimenti bħal dawn. Hu ssuġġerixxa biex il-Kunsill jgħid liż-żewġ għaqdiet biex jgħinu fir-reklamar tal-Kunsill fuq ir-radji tagħhom. Kien hemm qbil li s-Sindku tagħmel laqgħa mal-għaqdiet. |
| | | |
| 21.6a.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħarġet skema ta' għajnuna finanzjarja għal-libreriji. Infurmat li wara li tkellmet mas-Sindku, l-Kunsillier inkarigat mill-Edukazzjoni u l-librar, fuq suġġeriment tas-Sindku inġabru stimi ta' iPad li jista jintuża minn |

| | | |
|---|---|---|
| | | persuni neqsin mid-dawl. Diskrizzjoni fuq l-iPad ingħatat mid-Dipartiment tal-Persuni b'diżabilta. Inġabru żewġ stimi bl-istess rekweżiti mingħand Scan Computers ta' 387.03Euro u Klikk ta' 399Euro. Iż-żewġ kumpaniji offrew l-istess ammont. Kien hemm qbil li l-iPad jinxtara mingħand Scan. Kien hemm qbil unanimu li jinxtraw żewġ iPads u l-Kunsill iħallas id-differenza.<br>Għal din il-mozzjoni kien hemm is-Sindku bħala suġġeritur u l-Kunsilliera Kaydem Schembri u Joseph D'Amato li ssekondaw. Filwaqt li kien hemm qbil mill-Kunsill kollu. |
| | | |
| 21.6a.3 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li għaddejjin diskussjonijiet bejn il-kunsilli lokali tar-Reġjun Nofsinhar biex joħorġu offerta għal contract manager komuni fuq xogħol ta' ġbir ta' skart u knis fil-lokalita. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 21.6a.4 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet sejħa li ħareġ il-Gvern, għal proposti għal siti ideali għall-caravans, camping, picnic u walking trails. Staqsiet jekk kienx hemm xi ħadd li jipproponi xi sit għal dan l-iskop. Ma kienx hemm qbil fuq siti ta' caravans fir-raħal. |
| | | |
| 21.6a.5 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet l-impjegati Maria Briffa Callus u Sharon Bartolo imisshom jgħolow fl-increament tagħhom notch 3 skala 11 u notch 6 skala 14 rispettivament. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 21.6a.6 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill irċieva email li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ħarġet sejħa pubblika lill-kumpaniji ta' assigurazzjoni biex is-Sindki, Kunsilliera u staff jinkitbu fiha u jekk jiġu nieqsa waqt li jkunu fil-Kunsill, il-familjari jieħdu somma ta' 30,000Euro. Din mhix valida għall-persuni 'l fuq minn 65 sena. Kien hemm qbil li issir jekk ser iħallas l-Kunsill, imma jekk ser iħallas l-individwu ma kienx hemm qbil. |
| | | |
| 21.6a.7 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet proposta taċ-Ċirkulari SPI/SCI/7/2020.<br>Is-Sindku tkellment mal-Greenpak fuq proġett ta' area li ssir f'Bubaqra wara ċ-ċimiterju li tkun magħluqa u tintuża biss mir-residenti taż-Żurrieq permess ta' code li jintuża biex jinfetaħ is-sit. F'dan is-sit ser ikun hemm bins oġġett ta' metal, karti, plastic, organic u wee. Dan il-post ikun mgħammar minn cctv li taħdem bis-solar u kull bin ser ikollu sensor ħalli kif ikun wasal biex jintela, jiġi l-kuntrattur u jbattal. Skont Greenpak din il-proposta ser tiswa 54,000 Euro + Vat. **DOK 4 mehmuż**<br><br>Il-mozzjoni ġiet issuġġerita mis-Sindku Rita Grima u ġiet sekondata mill-Kunsillier Kenneth Farrugia u Kaydem Schembri.<br><br>Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill japplika għal din l-iskema mar-Reġjun Nofsinhar. Din l-applikazzjoni tagħlaq nhar il-Ġimgħa 26 ta' Frar, 2021. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***21.7*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA ANNWALI, TAR-REĠJUN NOFSINHAR, TAL-GALXLOKK u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI.*** |
| | | |
| 21.7.1 | | Ġew approvati l-minuti tal-Assoċjazzjoni Kunsili Lokali numri 41 u 42. |
| | | |
| ***21.8*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 21.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 5** għall-ammont totali ta' **€78,030.65**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima u l-kunsilliera Tiffany Ann Attard u Kaydem Schembri. |
| | | |
| ***21.9*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 21.9.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-20:55. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 17 ta' Marzu 2020 fis-6.00 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum 17 ta' MARZU, 2021

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| Rita Grima | Josianne Cilia Mumford |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |